# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMĦALLEF DR CONSUELO SCERRI HERRERA, LL.D., Ph.D.

**Appell Nru: 535/2024/1 CSH**

**Il-Pulzija**

**vs**

**Francesco Casarini**

**Illum, 12 ta' Mejju, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Francesco Casarini** detenur tal-karta tal-identità Maltija **1399G** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar u l-ġranet ta' Lulju 2024 u fit-tnejn (02) ta' Awwissu 2024 għall-ħabta tan-nofsiegħa ta' waranofsinhar (12:30hrs) f'dawn il-Gżejjer:

(1) Bl-imġiba tiegħu, ikkaġuna lil Elza Casarini biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha;

(2) Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lill-vittma Elza Casarini;

(3) Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Elza Casarini.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Elza Casarini skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tqis dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat** is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Settembru, 2024, fejn sabet lill-imputat mhux ħati tat-tieni (2) akkuża, u lliberatu minnha, u ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu;

Inkwantu għall-piena, il-Qorti kienet tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi meħtieġa, u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il-ħati jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation.

Għalhekk il-Qorti poġġiet lill-ħati Francesco Casarini taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza, b'dan li għal dan l-iskop ordnat li l-istess Francesco Casarini jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti fil-jum tas-sentenza.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil Francesco Casarini bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' dik is-sentenza, u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet, u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'dik is-sentenza, non che l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja ta' dik is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation bid-digriet tagħha kellhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Francesco Casarini.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull tliet (3) xhur.

Inoltre, peress li l-Qorti qiset li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati, u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi megħjun jegħleb id-diffikutajiet relatati mal-problema tal-abbuż mid-droga, alkoħol u anger management, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qiegħdet

lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza u dan skont il-kundizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' dik is-sentenza, liema digriet għandu jitqies li jagħmel parti integrali ma' dik is-sentenza.

Il-Qorti ddikjarat li għamlet din l-Ordni ta' Trattament, wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn Ordni ta' Trattament kif ukoll ir-responsabilità tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Finalment, wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-Artikolu 412C(1) tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-vittma Elza Casarini. L-ordni ġiet magħmula għal żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' dik is-sentenza.

Il-Qorti fiehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali Ordni ta' Trażżin. B'dan illi l-Qorti qiegħda tagħmilha ċara li tali Ordni ta' Trażżin m'għandhiex tkun ta' ostakolu sabiex il-ħati jkollu aċċess għall-ibnu minuri. Dan suġġett għall-kundizzjonijiet li tista' timponi l-Qorti kompetenti għar-rigward l-eżerċizzju ta' tali aċċess.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-appellanti Francesco Casarini ppreżentat fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-disgħa (09) ta' Ottubru 2024:

- Tilliberah minn kull akkuża magħmula kontrih u subordinarjament tvarja il-piena għal waħda minima li ma tinkludix ordni ta' probation jew ordni ta' trattament fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

**L-aggravji huma ċari u manifesti:**

**L-ewwel aggravju**

1. Illi l-ewwel aggravju tal-imputat huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti inoltrat ruħha minn dawk li kienu l-akkużi u l-provi li kellhom jinġabu biex jitqiesu provati dawk l-istess akkużi u minflok qieset provi inokwi u insostanzjali u b'mod żbaljat attribwitilhom il-grad ta' prova li skontha kienu jimpurtaw ħtija fl-akkużat;

— **L-ewwel akkuża**

**Elementi ta' prova ai termini tal-Artiklu 251B (1)**

2. Illi l-provi tal-prosekuzzjoni relatati mal-ewwel akkuża u ċjoè li, "Fix-x[a]har ta' Lulju u fit-2 ta' Awwissu tas-sena kurrenti 2024, bl-imġieba tiegħu, l-imputat ikkaġuna lil Elza Casarini biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha", kellhom ikunu dawk l-elementi ta' prova rikjesti taħt l-Artiklu 251B(1);

3. Daqstant irrikonoxxiet l-ewwel Qorti. Però l-appellant ma jistax jifhem kif l-ewwel Qorti Onorabbli fl-osservazzjonijiet tagħha dwar l-Arikolu 251B(1) tal-Kap 9 wara li osservat u kkwotat is-sentenza **il-Pulizija vs Guido Mizzi** li sabiex dan ir-reat jiġi ppruvat l-imputat

   i. Irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett f'aktar minn okkażjoni waħda;

   ii. Illi dawn l-okkażjonijiet kellhom ikunu qrib xulxin fiż-żmien;

   iii. Illi dawn iridu jkunu rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fiċ-ċitazzjoni b'mod tali li l-imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jigi akkużat li jkun wettaq tali reat u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu,"

   imbagħad għaddiet biex sabet ħtija fl-imputat talli skont l-istess Qorti "għandu problemi ta' drogi", talli qiegħed imur fir-residenza tagħha u "jisforza fuqu fuq il-*parte civile*", talli meta kienet tirrifjuta kien jispiċċa jirrabja u minħabba tali rifjut kien iniżżel fiha biża' li tista' tintuża vjolenza kontra tagħha u li f'okkażjoni minnhom l-akkużat kisser l-affarijiet u dwar dan eżebiet ir-ritratti.

**Biża' ta' vjolenza fil-futur u mhux l-akkadut**

4. Illi l-element ta' prova fir-rigward ta' dan l-Artiklu hija ċara. Il-Qrati tagħna jgħallmu, "Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrienti ta' x'jammonta għal 'course of conduct' għall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) — u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali 'imġiba', ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skont iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu

biss li inċident wieħed (u, per di più, ta' minuti) ma jammontax għal 'course of conduct' għall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).

Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi Artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi **perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa**. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt dispożizzjonijiet oħra tal-liġi. Għalhekk l-appellant ser jiġi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9." "Illi f'din il-kawża din il-Qorti għandha biss inċident wieħed li l-appellant huwa akkużat dwaru u għaldaqstant hemm l-element tal-*course of conduct* nieqes u l-ewwel Qorti qatt ma setgħet issibu ħati ta' dan ir-reat. Il-Pulizija v. Andrè Cassar, 12 ta' Awwissu, 2015 Appell Kriminali;

**L-aħjar prova**

5. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Mejju tas-sena 2002 jipprovdi s-segwenti:

"*Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli". Jigi enfassizat ukoll illi li titressaq l-ahjar prova mhix biss possibilita' li ghandha tigi esplorata mil-prosekuzzjoni sabiex taghmel il-kaz taghha izda huwa stabbilit mill-Qorti illi il-prosekuzzjoni hija obbligata li tipprezenta l-ahjar prova.* – **Il-Pulizija vs Brian Sciberras** – Appell Kriminali 2 ta' April 2014;

6. Infatti x-xhieda ta' Elsa Casarini, li hija x-xhieda li fuqha strieħet il-prosekuzzjoni, tant hija ambigwa u neboluża li anke diretta mill-Qorti nnifisha sabiex fix-xhieda tagħha tibqa' fl-ambiti tal-akkużi ddenunzjati minnha, dina naqset b'mod assolut sabiex tagħmel dan. Inoltre il-provi dokumentarji li fil-fatt ressqet kienu immaterjali u t-telefonata fejn qed issostni li kienet mhedda u mbeżża' wara li stqarret li kienet irrekordjata naqset milli tipproduċih. Dan apparti li dak li ma hemmx qbil dwar dak li ntqal f'din it-telefonata stante li x-xhieda tagħha tinsab kontradetta mix-xhieda ta' Sandra Cassarini;

7. Irriżulta wkoll li l-*parte civile* qatt ma ħassitha mbeżża' mill-imputat li ser tintuża vjolenza kontriha iżda tintilef fuq okkażjonijiet li ma tidentifikax biż-żmien u lanqas

tissostanzjahom anke meta mitluba tagħmel direttament mill-Avukat tagħha. Irriżulta però li ma riditx li tiġi kkonfrontata minn omm l-imputat u riedet tiddistakka ruħha minn mal-imputat minħabba l-kwistjoni tas-*social contract*;

8. Pjuttost li fix-xhieda tagħha tas-17 ta' Settembru 2024 tagħti x'tifhem li qed tirreferi għal data li jmorru lil hinn mill-ambitu tal-akkużi u ssemmi varjazzjoni ta' dati, September 2023, May 2024. Mistoqsija bl-aktar mod dirett mill-Avukat Tagħha li tissuġerilha d-dati ta' Lulju 2024, l-kwerelanta baqgħet ma għamlet l-ebda konferma;

9. L-ewwel Onorabbli Qorti kienet bl-akbar rispett, żbaljata fl-apprezzament tal-provi tagħha kif ukoll fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali mressqin quddiemha;

10. Illi l-Qorti min-naħa tagħha ċċanfar lill-imputat talli "bl-ebda mod u manjiera ma ppruvat tikkontesta l-veraċità tar-ritratti esebiti u ta' dak li sostniet il-*parte civile*" però ma tat l-ebda każ li dawn l-akkużi li ssemmi fix-xhieda tagħha ma jagħmlux parti mill-akkużi tal-każ odjern. Anzi wieħed jissottometti li lanqas ġabet prova tad-dati meta suppost seħħ dan kollu la fix-xhieda verbali tagħha u lanqas fid-dokumenti prodotti minnha;

11. Illi bl-akbar dovut rispett il-prova kienet tispetta lil prosekuzzjoni u ladarba l-prosekuzzjoni ma ġabetx provi li jissostanzjaw l-akkuża inkwantu ż-żmien l-imputat ma kellux għalfejn jindaga aktar fuq dawn ir-ritratti għaliex frankament joħorgu barra l-ambitu tal-każ odjern;

12. Li ħareġ mill-provi huwa ċar illi hija ħarġet mid-dar, "*Because I am afraid of the shouting on me*" u ċjoè hija ħarġet mid-dar MHUX għax kienet ippreokupata dwar x'seta' jiġri, iżda għax ma kellhiex fejn toqgħod u s-social workers provdewlha residenza oħra. Prova ċara li l-każ kif kwadrat kien totalment fint. Il-konklużjoni tal-ewwel Qorti kienet waħda erronja għaliex il-mara ma telqetx mid-dar minħabba s-sigurtà tagħha telqet għaliex wara d-deċiżjoni tagħha li titlaq mid-dar ma kellhiex fejn toqgħod;

13. Tant li s-separazzjoni u l-interessi tagħha fl-istess kienu l-pern tal-kwistjoni illi hija bagħtet għar-raġel tagħha u tagħtu elenku ta' kondizzjonijiet fosthom manteniment għaliha u għall-minuri u ammettiet li jekk jintrabat ma' dawk il-kondizzjoniijiet twaqqa' l-akkużi kollha fil-konfront tal-imputat. Hekk allura ħareġ li dawn l-akkużi kienu tali li hija

bdiet tużahom bħala *bargaining chip* fil-konfront tar-raġel tagħha:

> ***Dr Maria Bartolo Dimech:*** *Not your son; one of the conditions was that you want like three hundred euros (€300) maintenance for yourself, not for the son.That's a simple question…*
>
> ***The witness:*** *Yes, sure, yes sure, yes, sure. Because what he did to me three years, sure, yes sure. This is nothing.*

14. Dan kollu u ċjoè li l-prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova ta' data u ħin tal-allegazzjonijiet li minnhom infushom lanqas ġew sostanzjati u di più ma tressqetx l-aħjar prova, il-Qorti kellha tiskarta din ix-xhieda orkestrata u tgħaddi biex tillibera lill-imputat minn kull ħtija;

15. Illi frankament il-prosekuzzjoni fl-umli fehma tal-imputat appellant, naqset milli ġġib l-aħjar prova u l-Ewwel Onorabbli Qorti min-naħa tagħha naqset milli tosserva nuqqasijiet tal-prosekuzzjoni, meta din ressqet ix-xhieda tagħha. Dan jirrigwardja x-xhieda tal-kwerelanta, li bħala l-uniku xhud tal-fatti kellha tkun ix-xhieda li tħoll jew torbot l-akkużi fil-konfront tal-imputat;

16. Inoltre l-ewwel Qorti donnu straħet fuq dak li qalet il-kwerelanta fuq x'ġara fil-passat u injorat għalkollox li hija stess ammettiet, "*No I am ok*", li omm l-imputat xehdet kif il-ħajja kienet normalissima wara din it-telefonata, li meta telqet tant kienet sajjetta fil-bnazzi li kollha kemm huma kkonfondew. Il-Qorti injorat kemm kienet laxka ma' dawn il-proċeduri li kienet lesta ċċedihom ladarba jkollha gwadan finanzjarju. Hawnhekk il-Qorti Onorabbli tal-ewwel istanza kienet żbaljata;

17. Fix-xhieda tagħha mitluba għaliex marret tagħmel rapport, il-kwerelanta tqajjem il-kwistjoni tas-*social contract* u tgħid:

> *"**The witness:** And then from the Child Support, Kelly, she called me, she told me before she told us even to my husband that she is going to make contract would be about my son that we will have responsibility both parents of him, I will work and he will work also and he will have responsibility as a father they have to do for their child, also me, but I always was working for my child and I have also two children in my country, and I was going to bring them here, but the situation was not*

*like that as I was thinking because with my husband I had many problems before..."*

18. Għalhekk jidher li r-rapport ma għamlitux għaliex seħħ xi ħaġa partikolari fil-ġranet imsemmija iżda għaliex hija ffirmat is-*social contract* u riedet toħroġ mid-dar u tmur Dar Emmaus. Tant hu hekk li l-Qorti dderiġietha biex tiffoka fuq l-akkużi:

*"The Court: Ms Casarini, I want you to focus on the days of the charges, which is...we are speaking here the report concerns July twenty twenty-four (2024) and August twenty twenty-four (2024).*

*The witness: second (2nd) of August I left home because the lawyer she told another Court we had, his lawyer, that I left without reason home, but it was not like that, not without reasons because... so I called to Romina, to my Social worker, I text her, "Romina, please if there is available in the shelter for me," that day.*

*Inspector Keith Xerri: But for which reason you called Romina the shelter?*

*The witness: Because Kelly she called me –*

*Parte Civile: Who is Kelly?*

*The witness: From Child Support. The social worker from Chidl Support.*

*Parte Civile: We do not know –*

*The Court: You have to tell us everything.*

*The witness: So Kelly she is a social worker of Child Support and she told me, "If you cannot sign at home because of your time," because I am busy and I am working in childcare, "no problem," she told me, "I'll come there and you can sign on the contract." I told her, "No problem, Kelly, you can come there and I will sign." Ok. Then, after five minutes I was in the car with my son, his father he was taking us to the childcare, and Sandra, his mother, she called me, she*

*start shout to me, "This is thanks!" Yes, she gave us home because for us to live in there, but, ok, Thank you, I am not going to put son's and my life in danger. So then she start shouting, "why he cannot sign? He has to sign on the contract."*

*And I start shaking, I told his father, "I cannot go at home now because I am afraid of the shouting on me." He told me, "Ugly bitch, I will kill you. Tell you bitch social worker Kelly that I will not sign and I will take her to the Court," and he was very angry with me. So I told I cannot go at home. What shall I do? Then I text to my social worker and she told me... I told her if it is available for me, please, in the shelter, on room, please take me there. And she told me, she called them and they told her there is no available.*

*On Friday. And she told me, "on Friday there will be available room,*

*someone will move soon." And then she told me, "in a time I will be in touch with you, if you will be in trouble or something will happen, we should do some emergency for you to take you somewhere." I told them, "**ok, right now I am ok here**." And then on the 2nd August I left home and I went to the shelter. That is why I left a bit late.*

*The witness: From Malta they came here on Gozo to sign on the contract, because of my son I am going to do anything what he need, because I am not going to lose my son.*

***Parte Civile: Ok.***

***The witness: That is why I signed.***

***Parte Civile: When you say he threatened you and he said bad words, was there a specific date?***

***The witness: No, before also, always used to say those things to me. (enfażi miżjud)***

*The Court: Ms Casarini, I know the sense what you are saying, but please note here I am not doing a separation case, ok? I am just doing a criminal case concerning what the charges, I have the charges of harassment, that his attitude caused you to... that violence was going to be used against you and that you were threatened; these are the charges, and these I have to hear the evidence on this. As I told you I am not doing a separation case here.*

*The witness: Ok, no problem. But I want to only to explain the situation to show you how it is things in reality. That's it. But you asked me also...*

*Parte Civile: The charges are limited to July and 2nd of August. Now you said that on the 2nd of August you left. On the 2nd of August did anything happen?*

*The Court: What happened on the 2nd of August?*

*The witness: No, that is why I left a bit late, like I told you,*

*Parte Civile: So it happened in July. I told them because I could not report them because I was afraid of that moment on the* ***29th July that Sandra would come, there will be shout again, there will be emotional situation,*** *better I leave quiet home and then I will report him. Because it was better for me and for my son. That moment we were safe.*

19. Għalhekk mix-xhieda tagħha, jidher ċar li ma kinitx qed tibża' mir-raġel tagħha iżda minn dak li setgħet tgħidilha omm ir-raġel minħabba din il-kwistjoni tas-social contract. Imbagħad fir-rigward tal-kliem li qed tgħid li ntqalilha, mitluba b'mod speċifiku tgħid meta dan intqal ma kinitx taf tgħid;

20. Illi inkwantu t-tielet imputazzjoni, jingħad umilment li dak li jikkontendi l-Artiklu 339(1)(e) hija akkuża kontravenzjonali. Illi għal darb'oħra bir-rispett, l-imputat kellu jiġi liberat stante illi l-istess kwerelanta naqset milli tipproduċi l-aħjar prova. Dan qed jingħad fid-dawl illi l-*parte civile* għal diversi drabi

tul ix-xhieda tagħha tgħid illi kellha r-*recordings* però minn dawn ir-recordings ma ġewx ippreżentati meta kien fl-obbligu tal-prosekuzzjoni li darba li kienu jeżistu li jipproduċu l-aħjar prova u dan kif ġa ngħad supra;

21. Illi għalhekk kellu jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubbju li l-akkużi ma ġewx issostanzjati u l-elementi ta' prova ma kinux sodisfatti, ergo l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tgħaddi għal liberatorja u mhux issib ħtija fl-ewwel kif ukoll fit-tielet akkuża.

**It-tieni aggravju — piena**

22. It-tieni aggravju huwa ċar u manifest, qed tingħad mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju u tikkonsisti fil-fatt illi il-pieni inflitta kienet waħda eżaġerata u tistona gravament mal-akkużi kif edotti;

23. L-imputat jissottometti li ġie ppenalizzat talli ommu xehdet b'responsabilità li kien 'ħiereġ' mill-problema tad-droga u ċjoè li l-problema qed tisfuma fix-xejn. Il-fatt li xi darba l-imputat kien jieħu d-droga qatt ma jista' jwassal f'moħħ il-ġudikant għal ħtija universali għall-akkuzi għaż-żmien kollu tal-bqija ta' ħajtu kif fil-fatt għamlet l-ewwel Qorti f'dan il-każ meta ordnat il-Probation Order, it-Treatment Order u l-Ordni ta' Trażżin. Dan aktar u aktar meta ma kienx hemm akkuża relatata mad-drogi, l-abbuż tagħhom, eċċ.;

24. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju il-piena inflitta fuq l-imputat hija waħda eżaġerata kemm minħabba n-natura tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu kif ukoll minħabba l-fatt illi Probation Order f'dan l-istadju tal-kura tiegħu ser ixxekkel il-libertà u r-relazzjoni ta' fiduċja li diġà laħaq bena mal-Psikjatra tiegħu Christian Sant. L-istess jista' jingħad għal Ordni ta' Trattament. L-avvanz li l-imputat għamel huwa kbir u dan mexa ferm 'il quddiem;

25. Kwalunkwe tibdil u varjazzjoni minn dak li volontarjament u min qalbu qiegħed isegwi taf issarraf ta' tfixkil u mhux ta' għajnuna. Illi dan il-punt kien propju wieħed mil-lanjanzi li kellu l-imputat mas-*social workers* li eżiġew li jiffirma li l-professjonist jikkomunika magħhom dak li jkun qed isir fis-sessions, ħaġa li minnha nnifisha toqtol kull skop għal dawn is-sessjonijiet. L-appellant jirrikonoxxi li l-ewwel Qorti Onorabbli kellha intenzjonijiet tajba, però bl-akbar umiltà jissottometti li vapur b'ħafna kaptani ma jimxix;

**Rat** ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta Jannar 2025, fejn talab lil din il-Qorti tiċħad it-talba tal-appell tal-appellanti kif intavolata, u dan fl-intier tagħha, u tikkonferma s-sentenza u l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti;

**Semgħet** l-allegata vittma, mart l-appellant, Elza Casarini, tgħid fis-seduta stante quddiem din il-Qorti, nhar il-5 ta' Frar 2025, li hija tixtieq tirtira x-xhieda tagħha mogħtija quddiem l-ewwel Qorti, u dan għaliex illum il-ġurnata qiegħda tipprova tirrikonċilja mal-appellant, issalva ż-żwieġ tagħha, tant li reġgħet qed tgħix mal-appellanti;

**Rat** li l-Avukat Ġenerali rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti;

**Rat** l-affidavit ta' **PS 1462** esebit f'dawn il-proċeduri maħluf nhar id-9 ta' Awwissu 2024. Dan stqarr li nhar it-2 ta' Awwissu 2024 huwa kien xogħol l-Għassa tar-Rabat, Għawdex, u għall-ħabta tal-5:30 PM, irraportat l-Għassa l-Kwerelanti Elza Casarini fejn irraportat fil-konfront ta' żewġha, l-imputat, dak li kiteb fl-okkorrenza esebita u annessa mal-affidavit. Irraportat li kien hemm drabi meta rrifjutat inkontri sesswali ta' żewġha, iżda kien iġegħelha b'forza. Ilha tipprova titlaq minn din ir-relazzjoni, u mid-dar matrimonjali, iżda l-imputat u ommu kienu jġegħluha tibqa'. Kien kisser affarijiet, u ommu kienet ukoll tindaħal dwar dan, sabiex tikkalma lill-imputat. Hija kellha tgħix f'dar separata minn mal-imputat li tappartjeni lil omm l-imputat, iżda l-imputat daħal jgħix magħha, minħabba raġuni ta' sess. Kien saħansitra jkisser affarijiet id-dar. Għandu storja ta' abbuż ta' droga, alcoħol u użu ta' kokaina. Kien imur magħha taħt l-effett tad-droga, u jkun aggressiv magħha. Darba minnhom anke heddidha li kien ser joqtolha;

Dakinhar li għamlet ir-rapport taghha, hija kienet telqet mid-dar, u kemm l-imputat u ommu, Sandra, għamlu diversi tentattivi biex jikkuntatjawha biex tiltaqa' magħhom, u jikkonvinċuha sabiex tirritorna lura d-dar kif ġara fil-passat. Iżda hi ma tridx taf iktar bih. Qalet li kienet telqet mid-dar, u kienet qed tipprova tgħix Dar Emmaus. Ġew ikkuntattjati l-assistenti soċjali fejn dawn irraportaw l-Għassa tar-Rabat, u ċjoè Nancy Portelli u Romina Portelli, u dawn tkellmu mal-kwerelanti u għamlu risk assessment, li rriżulta li kien *extreme danger* bi score ta' 22.

Jgħid li iktar tard irraportaw l-Għassa l-kwerelat l-imputat flimkien ma' ommu, Sandra Casarini. L-imputat ġie infurmat bir-rapport li sar fil-konfront tiegħu minn Elza, u ngħata d-drittijiet legali tiegħu, inkluż id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, fejn eżerċita d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, u tkellem ma Dr Angele Formosa.

L-imputat stqarr li dak li rraportat fuqu martu kien falz, u li m'hemmx xejn verità fih, u jiċħad dak kollu li qalet Elza fuqu. Sandra qalet li tixtieq li titnizzel bħala xhud.

L-Maġistrat tal-Għassa ġiet infurmata u nħarget Ordni ta Protezzjoni Temporanja, u ngħatat kopja kemm lill-kwerelanti kif ukoll lill-kwerelat. Kopja tagħha ġiet esebtia mal-affidavit markata bħala Dok. JA3.

**Rat** l-okkorrenza esebita fl-atti a fol. 13 immarkata bħala Dok. JA1 datata 2 ta' Awwissu 2024, redatta minn PS 1462 Joseph Attard;

**Rat** ir-risk assessment esebit fl-atti a fol. 16 immarkat bħala Dok. JA 2;

**Rat** id-digriet tal-Maġistrat datat 3 ta' Awwissu 2024, fejn ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fuq il-kwerelanti li ġie mmarkat bħala Dok. JA3 a fol. 19 tal-atti;

**Rat** ix-xhieda mogħtija minn **Elza Casarini** nhar it-2 ta' Settembru 2024. Ikkonfermat li kienet għamlet rapport fil-konfront tal-imputat żewġha. Li għarfet bħala l-imputat fl-awla. Spjegat li kienu ilhom flimkien tliet snin, u miżżewġin sentejn. Stqarret li minn dan iż-żwieġ għandhom wild. Spjegat li għamlet tliet rapporti fil-konfront ta' żewġha tul ir-relazzjoni tagħha miegħu. Dwar l-aħħar rapport tgħid li nhar id-29 ta' Lulju 2024 qamet, u kienet sejra għax-xogħol ġewwa Child Care fl-Għarb flimkien ma' binha ta' sentejn li jmur l-istess Child Care. Imbagħad ċemplet Kelly miċ-Child Support, biex tgħidilhom li kien ser ikollhom responsabilità konġunta ta' binhom u għalhekk kellhom jipprovdu t-tnejn għalih;

Qalet li missier l-imputat kien iwassalha għax-xogħol, għax żewġha kien jorqod sas-siegħa ta' waranofsinhar kuljum. Kien ikun taħt l-effett ta' drogi u xorb. Qalet li qatt ma kienet qalet xejn qabel għax wara kollox jiġi missier binha, iżda issa kienet imdejqa u ma riditx tgħix iktar miegħu. Riedet li jkollha l-paċi ma' binha, u tgħix għal rasha. Qalet li kellu l-vizzju tad-drogi u kien jirrabja ħafna magħha u ma' ommu. Tgħid li għandu bżonn l-għajnuna. Kien jirrabja ħafna, ikisser l-affarijiet, u binha kien

jitwerwer minnu. Kien jarmi s-siġġu ż-żgħir ta' binha u l-flixkun tal-ilma tiegħu fit-triq. Qalet li kien jgħajjat ħafna magħha; jgħajjarha 'bitch', u li hi kerha, u li ser joqtolha, u li joqtol lil kulħadd jekk tieħdu l-Qorti. Kienet tibża' u kellha tagħti support ukoll lil binha. Qalet li din is-sitwazzjoni kienet ilha għaddejja minn meta żżewġu. Iddiskriviet lill-imputat li għandu karattru ikrah. Qalet li kien joħrog filgħaxija bla ma jitlobha tmur miegħu, u meta staqsiet 'l ommu, għaliex kien qed jagħmel hekk, ma qaltilha xejn. Hija qatt ma ltaqgħet ma' min kien jagħmilha.

Hija telqet mid-dar fit-2 ta' Awwissu, u ċemplet lill-Assistent Soċjali Romian, u staqsietha jekk kienx hemm post għaliha fix-shelter. Qalet li żewġha ċemplilha, u beda jgħajjat, u bdiet tibża', għaliex Malta m'għandhiex la omm, la oħt, lil ħadd mill-familja, salv xi ħbieb. Beda jgħidilha li kien ser joqtolha, jgħajjarha 'bitch', u sabiex tgħid lill-Assistent Soċjali Kelly li ma kien ser jiffirma xejn dwar r-responsabilità ta' binhom. Talbet lill-Assistent Soċjali ssibilha post fix-shelter, iżda ma kienx hemm, però qaltilha li kien ser ikun post l-Ġimgħa ta' wara, għaliex kien hemm xi ħadd li kien ser jitlaq. Fit-2 ta' Awwissu 2024 telqet mid-dar u marret fix-shelter. Mistoqsija jekk kienx hemm ġranet partikolari meta heddidha, tgħid li m għandhiex, però dan kien ta' sikwit, anke fil-mobile tagħha kellha reġistrati dawn l-inċidenti tal-għajjat. Qalet li juża d-droga kokaina. Qalet li għamel sitt xhur jgħix għand ommu; u dak iż-zmien kien qed jabbuża mid-droga. Ommu tibża' minnu, u kienet ittih il-flus għad-drogi. Ippruvat tgħinu ħafna; marret il-Caritas, l-Oasi, u anke għand psikjatri, iżda xejn ma kien qed jaħdem.

Fit-2 ta' Awwissu, fil-jum li telqet mid-dar, xejn ma kien ġara. Fix-xahar ta' Lulju 2024 kien hemm okkażjoni meta kien hemm abbuż sesswali meta ried ikollu x'jaqsam magħha. L-għada taf li kien ħa d-drogi u li kien għamel lejl imqajjem. Qalet li kien imur ifttex id-drogi. Kienet taħdem anke f'bookshop u kienet tieħu lil binha magħha. Meta marret għand il-pulizja, ħasbet li jkun aħjar li titlaq bil-kwiet mid-dar, u marret tagħmel rapport. Qalet li l-inċident seħħ fid-29 ta' Lulju 2024 meta għajjarha, iżda ma kellhiex il-kuraġġ tirraportah dakinhar, iżda meta telqet mid-dar fit-2 ta' Awwissu 2024 meta kellha l-kuraġġ.

Kienet qed tgħix fix-shelter fil-jum meta xehdet il-Qorti.

Ix-xhud reġgħet xehdet nhar is-17 ta' Settembru 2024, u esebiet numru ta' messaġġi li ġew skambjati bejnha u bejn żewġha. Spjegat li l-għada li kien jieħu d-drogi kien jibgħatilha skuża, u li ma jixraqilhiex dan kollu. Tgħidli l-messaġi huma datati Lulju

2024. Hemm messaġġ li ntbagħat lilha fejn hemm indikat li kien kiser xi oġġetti bħal dak muri fir-ritratt Dok. EC2 u EC3. Id-dokumenti ġew immarkati bħala Dok. EC1 sa EC8. Il-messaġġi li ġew skambjati bejnha u omm l-imputat ġew immarkati bħala Dok. C9 sa EC17. Dan l-għajjat u tiksir kien isir quddiem it-tifel minuri. Tgħid li kien jagħti daqqiet il-gwardarobba meta ma kienx jista' jorqod, għax it-tifel kien isoff il-gazaza u jagħmel xi ħsejjes. Spiċċat li anke tircievi messaġġi mingħand id-drug dealers, bħal dak muri fid-Dok. EC4. Spejgat li riedet tissepara minn ma' żewġha, u jekk tasal biex tiffirma kuntratt li kienet lesta li twaqqa' dawn iċ-charges.

**Nancy Portelli** xehdet nhar it-2 ta' Settembru, 2024; qalet li kienet ġiet imsejħa biex tagħmel danger assessment. Taħdem bħala ħaddiema soċjali ma' FSWS. Murija d-Dok. C tgħid li dan huwa summary report tad-danger assessment li għamlet flimkien mal-kollega tagħha, Romina Portelli, fil-kofront ta' Elza Casarini, u dan irriżulta li kien hemm *extreme danger* ta' 22. Dan ifisser li l-kwerelanti kienet f'riskju kontra l-aggressur żewġha. Qalet li l-kwerelanti kienet irraportat li kien hemm ftehim maċ-Child Protection Services li hija toqgħod għal rasha, u hu joqgħod għal rasu, però hu kien qiegħed imur id-dar taħt l-influwenza ta' sustanzi. Kien qiegħed jitlob li jkollu x'jaqsam magħha sesswalment, u hi ma kinitx tkun trid, u kien jiġi aggressiv fid-dar. Qalet li hija kitbet dak li ntqal lilha mill-kwerelanti.

**Romina Portelli** xehdet nhar it-2 ta' Settembru 2024. Ikkonfermat li Dok. C huwa assessment rapport redatt minnha u mill-kollega tagħha, Nancy Portelli, li huma għamlu fuq l-kwerelanti fil-konfront ta' żewġha l-imputat l-aggressur. Qalet li taf li kien hemm ħafna ġlied fil-familja quddiem it-tifel, u li kienet qed tiġi sfurzata jkollha x'taqsam mal-imputat kontra r-rieda tagħha. Kien qed juża d-droga, u kien hemm ukoll problemi finanzjarji. Qalet li l-kuntatt tagħha kien fit-2 ta' Awwissu 2024 meta sar ir-rapport, iżda anke qabel, għaliex ilha l-ħaddiema soċjali tagħha għal dawn l-aħħar sentejn. Qalet li hi tissaportjaha, però dakinhar ġew imsejħa mill-pulizija, għaliex il-kwerelanti kienet marret tagħmel rapport. Qalet li dak li rraportat fit-2 ta' Awwissu 2024 kienet semgħathom qabel, iżda dakinhar kien hemm eskalazzjoni tas-sitwazzjoni. Kien hemm ġlied u argumenti d-dar u xtaqet titlaq mid-dar. Ilha sentejn tisma' fuq dawn l-inċidenti. Ippruvat titlaq mid-dar xi tliet darbiet qabel, iżda dejjem irritornat lura forsi jinbidlu l-affarijiet.

**Ikkunsidrat**

Jingħad bla tlaqliq li Elza Casarini, għalkemm mhix xhud *compellable,* hija xhud kompetenti u ammissibbli, tant li meta dehret quddiem l-ewwel qorti nhar it-2 ta' Settembru 2024 talbet li tagħti d-depożizzjoni tagħha bil-lingwa Ingliża u għalhekk għażlet li tiddeponi.

Dwar ix-xhieda ta' mart l-imputat il-kodiċi penali jiddisponi s-segwenti:

> *635. (1) B'dak kollu li jingħad fl-artikolu 633, il-miżżewġin, sħab f'unjoni ċivili u koabitanti ma jistgħux jinġiebu xhieda favur jew kontra xulxin, ħlief meta:-*
>
> *(ċ) b'talba tal-imputat jew akkużat għax-xiehda tal konjuġi jew tas-sieħeb f'unjoni ċivili, jew tal-koabitant l imputat jew akkużat stess, meta dan jista' jixhed taħt ġurament skont l-aħħar artikolu qabel dan.*

Għalhekk tali xhud huwa ammissibbli f'dawn iċ-ċirkostanzi, u dan għaliex ir-rapport li sar fil-konfront tal-imputat *qua* appellant kien sar oriġinarjament minn mart l-imputat.

Issir referenza wkoll għal dak li jiddisponi l-Artikolu 633 (1) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi s-segwenti:

> *33. (1) Ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tingħata minħabba li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proċeduri, inkella minħabba li x-xhud ikun jiġi mid-demm jew imħallat bi żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impieg, jew interess ieħor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkużat;*
>
> *Imma f'kull każ bħal dan, ix-xhud jiġi mismugħ, u min għandu jiġġudika l-fatti, meta jkun għal kollox persważ u konvint li x-xiehda hija vera, għandu jipproċedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minn persuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam kif jingħad hawn fuq.*

Illi huwa minnu li dawn il-proċeduri nbdew mill-Pulizija *ex officio*, wara li Elza Casarini għamlet il-kwerela tagħha mal-Pulizija konsegwenti l-allegati inċidenti verbali li nqalgħu mal-imputat. Biss għal fini ta' din l-għażla ta' twaqqif tal-proċeduri penali il-Qorti rat li mill-episodji deskritti mill-kwerelanti fir-rapport

tagħha, ossija mill-inċidenti verbali li nqalgħu bejn l-imputat u martu Eza Casarini, il-Pulizija identifikat tliet reati partikolari u pproċediet *ex officio* kontra l-imputat.

Jidher li, minkejja li l-kwerelanti rraportat l-inċident l-Għassa, il-Pulizija aġixxiet *ex officio* kif kellha d-dmir li tagħmel, kemm minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija, kif ukoll għaliex skont l-Artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali l-Pulizija għandha wkoll dmir tipproċedi *ex officio* f'każijiet li jinvolvu "vjolenza domestika"skont l-Att dwar il-Vjolenza Domestika.

L-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika jipprovdi żewġ testijiet kumultattivi għal biex persuna titqies vittma jew imputata f'każ ta' vjolenza domestika taħt dan l-Artikolu, ċjoè jrid ikun hemm il-:

**(a)** kwalifikata "membru domestiku";

**(b)** kwalifikata "vjolenza domestika".

**(a)** f'dan il-każ jidher li żewġ kriterji msemmija fl-Artikolu 2(ii) u 2(viii) huma sodisfatti.[1] Jirriżulta li Elza Casarini u l-imputat kellhom relazzjoni li kienet tmur lura għal madwar tliet snin, u li saħansitra kienu anke żżewġu xi sentejn qabel li kienu jgħixu flimkien bħala konjuġi qabel dan l-inċident, u taħt l-istess saqaf kif ukoll, u l-aktar importanti, li kellhom tifel ta' sentejn flimkien;

**(b)** f'dan il-każ jidher ukoll li kien jinvolvi episodji ta' vjolenza tant li kien hemm allegazzjoni li saħansitra l-imputat anke kien ikisser affarijiet fil-preżenza tal-minuri apparti fil-preżenza ta' martu l-kwerelanti.

Skont l-Artikolu 2 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"vjolenza domestika" tfisser kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.*

L-aktar reat serju ipotizzat fir-rapport tal-kwerelanti huwa dak kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, ossija meta persuni jibżgħu li ser tintuża vjolenza kontrihom. Fil-fehma tal-Qorti t-theddid u insulti, kemm jekk kwalifikat kemm jekk ġeneriku, jikkostitwixxi min-natura tiegħu reat li jista', u għandu,

[1] "membru domestiku" tinkludi: (ii) persuni li jgħixu fl-istess dar mal-ħati, jew li kienu jgħixu mal-ħati f'perjodu ta'sena qabel ir-reat; (viii) persuni li għandhom jew kellhom tifel bejniethom.

għall-fini tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta'Malta jiġi klassifikat bħala att ta' vjolenza kontra persuna, anke jekk ikun kommess fil-forma verbali biss.

Il-Pulizija għandha s-setgħa li tistitwixxi proċeduri *ex officio* f'każ ta' kommissjoni ta' reat/i li jinvolvu vjolenza domestika, anke mingħajr il-ħtieġa tal-kwerela tal-offiż.

Dan huwa intiż sabiex jiġu salvagwardati dawk id-diversi vittmi ta' vjolenza domestika li jkunu jbatu fis-skiet, u li ma jkollhomx is-saħħa u/jew ir-rieda psikoloġika li jipproċedu kontra l-aggressur. Kieku ma kienx għal din id-dispożizzjoni, l-eżerċizzju tal-azzjoni penali f'dawn il-każijiet ta' vjolenza domestika ssir diffiċli ħafna, għaliex bosta drabi l-vittmi ma jkunux iridu li jipproċedu kontra l-aggressur tagħhom għal episodji li jsiru fi ħdan l-erba' ħitan tad-djar privati, minħabba biża' ta' ritorsjoni, jew ritaljazzjoni, jew sempliċiment għaliex ma jkunux jafu jgħixu mod ieħor u jibqgħu jbatu fis-skiet.

Għalhekk il-Liġi tat is-setgħa lill-Pulizija jipproċedu *ex officio* kull każ li jinvolvi vjolenza domestika — irrispettivament min-natura jew forma tar-reat li jinvolvi vjolenza — dment li din tkun vjolenza domestika skont l-Artikolu 2 tal-Kap. 480. U dan mingħajr mal-istess Liġi tal-Vjolenza Domestika tippreskrivi tifsira għall-kelma "vjolenza" — li allura tista' tinvolvi diversi tipoloġiji ta' reati; u mingħajr mal-istess Liġi ssemmi jekk tali reati humiex proċedibbli a distanza tal-parti offiża jew le.

Però l-istess Artikolu 543 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi sitwazzjoni fejn il-kontinwazzjoni tal-azzjoni kriminali mibdija *ex officio*, (a prescindere mill-fatt jekk ir-reat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wieħed minn dawk li jeħtieġu l-kwerela tal-parti offiża jew le — stante li l-Liġi hija siekta fuq dan) tista' tiġi mitmuma fuq deċiżjoni tal-vittma.

Hawnhekk il-leġiżlatur ried li jintroduċi kwalifika għar-regola li azzjoni kriminali istitwita *ex officio* tibqa'miexja indipendentement mir-reċess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-każijiet ta' vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar-relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peġġjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li fl-aħħar mill-aħħar ikunu jridu jibqgħu jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf jew li jżommu l-kuntest domestiku ta' bejniethom). Hawnhekk allura l-Liġi trid li tipprevali l-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż. Iżda l-Qorti hija akkordata, **per via eccezionale**, u fil-każijiet

appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vittma u tordna li l-proċeduri kontra tal-awtur allegat jitkomplew. Fil-fehma tal-Qorti però l-enfażi tal-Liġi f'dan il-provisio qiegħed fuq l- għażla tal-vittma **iktar** milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti. (vide **Il Pulizija (Spettur Daryl Borg) Vs Jerken Decelis**[2])

Fil-każ in diżamina, ir-reati *de quo* huma kollha proċedibbli *ex officio*. Il-vittma f'din il-kawża rat li ġiet debitament imwissija mill-Qorti, insistiet li hija trid taħfer lill-imputat, riedet tirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tiegħu, u minħabba diversi raġunijiet xtaqet li ma tixhedx fil-konfront tal-imputat. Din id-deċiżjoni tolqot il-proċeduri kontra l-awtur allegat, żgur għal dawk li huma r-reati kommessi fil-kuntest ta' vjolenza domestika kif imfissra aktar 'il fuq. Għalhekk ladarba l-vittma ta' episodju li jinvolvi vjolenza domestika qed tagħżel li tagħmel it-talba lill-Qorti, sabiex twaqqaf il-proċeduri kontra tal-awtur allegat, il-Qorti tqis li għandhom ikunu l-proċeduri kriminali li jitnisslu mill-fatt ta' vjolenza domestika li semmai jistgħu jitwaqqfu f'dan l-istadju. Kieku kien hemm xi proċeduri oħra li ma humiex ta' vjolenza domestika dawn kien jkollhom jitkomplew.

F'dan il-każ dil-Qorti, wara li semgħet lil Elza Casarini, u għarblet iċ-ċirkostanzi tagħha u ta' binha, temmen li minkejja kollox ikun aktar fl-interess tal-Ġusitizzja, nonché fl-aħjar interess tal-wild minuri, li r-rieda ta' Elza Casarini tiġi rispettata, u li l-proċeduri kriminali dwar l-imputazzjonijiet li jinkwadraw fil-qafas legali ta' vjolenza domestika, u li tagħhom instab ħati, jitwaqqfu hawnhekk.

Il-Qorti tosserva li l-konsegwenzi avversi li jista' jkun hemm fuq l-aħjar interessi ta' Elza Casarini tal-minuri, jekk tali proċeduri kontra missier il-minuri minn ommha jitkomplew, jistgħu jkunu kbar wisq meta komparati mal-konsegwenzi tal-fatti li tnisslu diġà minn dan il-każ.

**Il-Qorti għalhekk, wara li rat l-Artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 2 tal-Att dwar Vjolenza Domestika, qiegħda tilqa' t-talba ta' Elza Casaini sabiex il-proċeduri kontra l-imputat jiġu mwaqqfa, u konsegwentement il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, u t-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tal-imputat, filwaqt li qiegħda tikkonferma s-sentenza fir-rigward tat-tieni akkuża.**

[2] Deċiża 22 ta' Novembru 2013

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imħallef**

**Jake Mejlak**
**D/Reġistratur**